**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2019**

**Rikors Ġuramentat numru:- 53/2019BS**

**Saviour sive Alvin Scicluna; kif ukoll Loreane Scicluna, Paul Scicluna u Maria Scicluna għal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat fejn l-attur Saviour sive Alvin Scicluna ppremetta:

1. *Illi l-attur Alvin Scicluna twieled fis-sebgħa (7) ta' Jannar tal-elf disa' mija, erbgħa u sittin (1964), liema twelid huwa reġistrat fl-uffiċju tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex, fl-Atti tat-Twelid u r-Reġistru ta' Persuni Addottati, bin-numru sitta żbarra elf, disa' mija u erbgħa u sittin (6/1964), hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A'.*

2. *Illi l-att tat-twelid relattiv għat-twelid tal-attur huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild", isem l-attur huwa ndikat bħala "SAVIOUR", meta fil-fatt dan għandu jkun indikat bhala "ALVIN".*

3. *Illi l-attur huma kommunament magħruf bhala "Alvin" sa minn twelidu.*

4. *Illi l-attur irid illi ismu jiġi kkoreġut b'tali mod illi fejn jinkorri l-isem "Saviour" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "ALVIN".*

5. *Illi jirriżulta wkoll, illi isem l-attur huwa ndikat bhala "Saviour" u mhux "Alvin" kemm fiċ-ċertifikat taż-Żwieġ tiegħu ċioe', l-att numru disgħa u għoxrin żbarra elf, disa' mija u sebgħa u disgħin (29/1997); kif ukoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' ibnu Paul Scicluna, ċioe' l-att numru mija u erbgħa u sebgħin żbarra elf, disa' mija u tmienja u disgħin (174/1998), u kif ukoll fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintu Maria, ċioe' l-att numru mija u tlieta u sebgħin żbarra elfejn u wieħed (173/2001)'.*

6. *Illi l-atturi jridu illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet kemm fiċ-ċertifikati kollha fuq imsemmija fis-sens spjegat u cio'e illi kull fejn jinkorri l-isem ta' Saviour fuqhom dan ghandu jigi sostitwit bl-isem ta' Alvin sabiex dawn jiġu jaqblu mar-realta.*

7. *Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn l-attur Alvin Scicluna li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti suesposti.*

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru sitta żbarra elf, disa' mija u erbgħa u sittin (6/1964), relattiv għat-twelid ta' Alvin Scicluna; l-att taż-Żwieġ tiegħu, att numru 29/1997; l-att tat-twelid ta' ibnu Paul Scicluna, att numru 174/1998; u kif ukoll l-att tat-twelid ta' bintu Maria, att numru 173/2001, huma skoretti fis-sens fuq spjegat.*

2. *Konsegwentament tordna l-korrezzjonijiet tal-atti fuq imsemmi billi kull fejn fuqhom jinkorri l-isem "SAVIOUR" dan għandu jigi sostitwit bl-isem "ALVIN".*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;*

2. *Illi mir-rikors jidher illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-korrezzjoni tal-atti tat-twelid tagħhom u tal-att taż-żwieġ. Illi ma jirriżulta minn imkien illi isem ir-rikorrenti Saviour sive Alvin Scicluna kien ġie ndikat skorretament fl-att tat-twelid tieghu. Il-fatt illi mid-dokumenti annessi mar-rikors jirriżulta illi r-rikorrenti beda jissejjah bl-isem ta' Alvin flok Saviour bl-ebda mod ma jindika illi kien sar żball meta ġie reġistrat l-att tat-twelid tieghu. Dan joħroġ ukoll mid-dokument tal-bank tar-rikorrenti Saviour Scicluna, fejn ismu ġie ndikat bħala "Saviour aka Alvin Scicluna". Għaldaqstant, f'dan ir-rigward ma hemm xejn x'jiġi korrett.*

3. *Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubblici ntiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibilita' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtorizazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtiega assolutament għall-esigenza pubblika;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża;*

5. *Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrent annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi fit-30 ta' Lulju, 2019 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-24 ta' Settembru 2019.

Rat illi qabel is-smigħ tal-kawża ġie ppubbikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ix-xhieda ta' Saviour sive Alvin Scicluna mogħtija fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2019.

Rat illi fil-verbal ta' l-24 ta' Settembru fejn l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

Rat it-tliet affidavits ippreżentati mir-rikorrent *seduta stante* fil-15 ta' Ottubru, 2019.

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubu 2019, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrent kif indikat fir-rikors qed jagħmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Kif jirriżulta mill-atti d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar illi li r-rikorrent dejjem kien magħruf bħala Alvin u kulħadd jafu b'dak l-isem u għalhekk it-talba għandha tiġi milqugħa.

Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenut u allura dan m'għandux ibati spejjeż.

**Decide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:

a) **Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru sitta żbarra elf, disa' mija u erbgħa u sittin (6/1964), relattiv għat-twelid ta' Alvin Scicluna; l-att taż-Żwieġ tiegħu, att numru 29/1997; l-att tat-twelid ta' ibnu Paul Scicluna, att numru 174/1998; u kif ukoll l-att tat-twelid ta' bintu Maria, att numru 173/2001, huma skoretti;**

b) **Tordna l-korrezzjonijiet tal-atti fuq imsemmija billi kull fejn fuqhom jinkorri l-isem "SAVIOUR" dan għandu jiġi sostitwit bl-isem "ALVIN";**

c) **Tordna wkoll li ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li kull korrezzjoni hawn ordnata għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi żmien moghti mil-ligi li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispożizzjoni tal-Kap 16.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-attur stess.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur